MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1320/2003

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja Parrokjali ta' San Pawl il-Bahar fid-9 ta' Settembru 1989;

Billi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Billi in oltre, l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Billi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-istess kontendenti illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Billi l-kontendenti ssimulaw l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Billi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja Parrokjali ta' San Pawl il-Bahar fid-9 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Jghid il-konvenut l' ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:
Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepixxa illi t-talba attrici per se limitatament ghall-fatt illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Settembru 1989 ghandu jigi dikjarat null u bla effett, m' hijiex opposta.

Illi ciononostante ghal dak illi jirrigwarda l-bazi tat-talba ghan-nullita' taz-zwieg, dina qed tigi kkontestata, b' dan illi z-zwieg ikkuntratt bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null ghal htijiet u ragunijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-attrici u ghalhekk l-eccipjenti ghandux ibati l-ispejjez.

Rat id-dikjarrazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-9 ta’ Settembru 1989 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens “tal-kontendenti” jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel man-nullita’ taz-zwieg, isostni li dana huwa attribwibbli ghan-nuqqasijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-attrici.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Settembru 1989, wara gherusija ta’ circa 4 snin, u meta allura l-attrici kellha 18 il-sena u l-konvenut 22 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal: il-kbir twieled wara hames snin taz-zwieg u z-zghir xi sena u ftit xhur wara. Skond ma qalu l-partijiet dawn irriskontraw diversi diffikultajiet fil-hajja matrimonjali bir-rizultat li f’ Settembru 2000 dawna sseparaw de facto wara konvivenza ta’ 11 il-sena. Il-konvenut isostni li l-attrici kellha diversi relazzjonijiet extra matrimonjali, filwaqt li l-attrici tghid li hi kellha biss zewg relazzjonijiet ma’ rgiel ohra wara li kienet spiccat il-konvivenza bejniethom.

Iz-zewg partijiet isostnu li meta zzewwgu huma kienu ghadhom zghar u ma kienux preparati ghaz-zwieg, ghalkemm ammettew li kienu attendew ghal kors ta’ Kana. Huma jghidu li l-attrici kellha tizzewweg wara li kienet kostretta titlaq mid-dar tal-genituri taghhom fejn, skond hi kienet qeda tghix hajja difficli hafna minhabba s-sikkatura li kellha da parti ta’ missierha.

Illi l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha ghan-nullita’ taz-zwieg fuq tlett kawzalijiet: difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali, anomalija psikologika u eskluzjoni posittiva kontemplati rispettivament fil-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu precitat.

In propositu l-Qorti tosserva li mill-kwadru tal-provi akkwiziti jirrizultaw manifestament mankanti l-*capita nullitatis* bazati fuq l-anomalija psikologika fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], u l-eskluzjoni posittiva fit-termini ta' l-Artikolu [f].

Minn imkien ma rrizulta li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kienu qed ibatu minn anomalija psikolgika serja li rrendiet impossibbli bejn il-konjugi l-qadi tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

L-istess jinghad ghal eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew tad-drittijiet u dmirijedt esssenzjali tal-hajja matrimonjali. Il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet jew xi hadd minnhom eskludew internament b' att posittiv tal-volonta' taghhom iz-zwieg fih innifsu, jew xi drittijiet jew obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Il-Qorti hija konvinta li, fil-mument tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet riedu jinghaqdu fiz-zwieg ma' xulxin u hadd minnhom ma eskluda xi obbligu essenzjali. Dan jinsab konfortat ukoll mill-fatt li dawna kellhem zewgt it-tfal wara hames snin ta' zwieg, u konvivenza ta' 11 il-sena. Il-problemi li rriskontraw il-partijiet matul iz-zwieg jistghu iservu bhala bazi ghal separazzjoni, izda mhux ghall-annullament li l-mument krucjali tieghu jinsab fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Illi t-tielet kawzali ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat. L-attrici isostni li l-kunsens "tal-kontendenti" kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–

estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Bvs Carmen B]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [*PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996*]

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [ *PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003][vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg* deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra*].

Fil-kaz in disamina jirrizulta li fil-mument taz-zwieg iz-zewg partijiet kellhom l-eta' legali sabiex jikkuntrattaw zwieg, u ghalhekk hija valida l-prezunjoni legali, juris tantum, li t-tnejn kellhom il-maturita' ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, sufficjenti u ncessarja, ghall-validita' tal-kuntratt. Konsegwentement l-obbligu ta' l-oneru tal-prova tal-mankanza ta' dan id-discretio judicii jirrisjedi fuq l-attrici li qeda tallegah.

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attrici ssostni li hija zzewwget biex titlaq mid-dar u tahrab mill-hajja difficli li kienet qeda tghix fid-dar ta' missierha, il-provi huma fis-sens li hija kienet fil-fatt telqet mid-dar qabel ma zzewwget u kienet marret toqghod fl-appartament li kienu xtraw fejn eventwalment mar joqghod maghha l-konvenut, u dan qabel iz-zwieg. Izda anke jekk dan huwa minnu, il-fatt li persuna affrettat id-decizjoni li tizzewweg minhabba cirkostanzi estranei ghaliha, ma jwassalx necessarjaemnt ghall-integrazzjoni ta dan il-*caput nullitatis*; ghax dak li jehtieg li jigi provat biex jissodisfa l-vot tal-ligi f' dan ir-rigward huwa li l-partijiet kienu affetti minn inkapacita' psikika li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Dan ma rrizultax

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

provat. Fil-fatt irrizulta li, ghalkemm il-partijiet, li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin 4 snin qabel iz-zwieg, u kienu wkoll itgharsu formalment, izzewwgu meta l-attrici kienet piuttost ta' eta' zghira, ma jistax jinghad li dawna ma kienux konxji tad-dmirijiet tal-hajja matrimonjali u bazikament tal-obbligu tal-konvivenza, prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Di fatti l-partijiet ikkonvivew ma xulxin ghal zmien twil, u wara hames snin kellhom tarbija u giet segwita b' tarbija ohra wara sena u ftit xhur. Dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw kontra l-istampa li l-partijiet ipprovaw jghatu f' dan il-kaz taz-zwieg taghhom, u cioe' li zzewwgu biss ghax kienu kostretti li jaghmlu hekk, minghajr ma kienu jafu ghal x' hix inhuma dehlin. Inoltre, jinghad li l-fatt li matul iz-zwieg zvolgew problemi minhabba certu komportament da parti ta' l-attrici, inkluzi relazzjonijiet extra matrimonjali, kif sostnut mill-konvenut, dan il-fatt per se ma jwassalx ghall-annullament taz-zwieg, ghax ma jirrizultax provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha l-attrici kienet psikikament inkapaci li tifhem l-obbligazzjonijiet taghha matrimonjali.

Inoltre kif ritenut fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali, jew kien that l-inkapacita' psikika li jifhem dawn l-obbligi. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija ngustifikata fil-fatt u fid-dritt u ma tistax tigi milqugha.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu

xieraq fuq is-serjeta’ u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b’ approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs C Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs C Ellul – 21.10.2002*]

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez a kariku ta’ l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------